FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

IlIum 14 ta' Ottubru 2015

Il-Pulizija

Spetturi Joseph Mercieca u James Grech)

vs

George Tabone

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita numru 480959(m) akkuzat f'ismu proprju u/jew ghan-nom tas-socjetajiet Gram Collections Ltd, Gram Jewellers Ltd u Gram Holdings Ltd. kollettivament jew ghan-nom ta' xi wahda jew iktar minnhom it-tlieta, talli f'dawn il-Gzejjer matul ta' Awissu, 2011, u/jew fix-xhur ta' wara:

1. xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg, cioe' gojjellerija li tiswa iktar minn elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2323.37), liema gojjelerija kienet misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghha jew imexxiha;
2. nakkuzawh ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula;

F'kaz ta' htija, il-Qorti hi mitluba sabiex, b'zieda ma kull kastig li jista' jinghata lill-hati u b'zieda ma' kull penali li jista' jehel korp maghqud taht d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 121D tal-Kap 9, tordna konfiska favur il-Gvern tar-rikavat mir-reat addebitat, jew ta' dik il-propjeta'li l-valur taghha jikkorrispondi ghall-valur ta' dak ir-rikavat sew jekk dak ir-rikavat gie ricevut minn min ikun insab hati sew jekk mill-korp maghqud imsemmi fl-imsemmi artikolu 121D.

Rat r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali permezz ta' liema u ai termini tal-artikoli tal- ligi minnhu citati bghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn dina I-Qorti dwar xi htija jew nuqqas taghha;

Semghet ix-xhieda kollha;

Rat l-atti u dokumenti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali l-imputat hu akkuzat ta' ricettazzjoni li jekk pruvata jgorr piena ta' habs sa' seba snin massimu. Trattandosi ta' ricettazzjoni ta' oggetti gejjin minn serq, senjatament minn serq ta' ammont u valur sostanzjali, l-prosekuzzjoni ipproduciet bhala xhud lill-persuna li kienet insterqet jigifieri id-derubat. Dan stqarr li s-serqa kien soffriha mill-hanut tad-deheb gja gestit minnu fi Triq Nofsinhar il- Belt, jismu "Pjazza Antiques Limited". Kien semma l-ammont tar-refurtiva bhala li teccedi l-€500,000. Semma wkoll li kien forna lill-Pulizija b'numru ta' ritratti li kienu jinsabu ghandu ta' xi deheb li kien insteraq u li hemm minnhom esebiti fl-atti flimkien mal-lista tad-deheb kollu li kien insteraq. L-akkuzat m'hiex il-persuna li serqet u mhux akkuzat ta' serq. Il-prosekuzzjoni tixlih bl- akkuza li xjentement laqa' ghandu jew xtara id-deheb misruq mill-hanut li ghalih saret riferenza.

In sostenn ta' din l-akkuza l-prosekuzzjoni ipproduciet tnejn mit-tlett persuni li kienu responsabbli ghas-serqa mill-hanut fuq riferut li kontra taghhom kienu ttiehdu l-proceduri appositi ta' serq fl-liema nstabu hatja u ikkundannati. Fil-kuntest tax-xhieda ta' dawn it-tnejn minn nies li irrisulta f'missier u iben, huwa il-missier biss li sostna li biegh id- deheb lill-imputat fl-istabiliment tieghu ta' Triq Psaila, Birkirkara, Ibnu stqarr li s-sehem tieghu mir-rifurtiva kien bieghaw lill-missieru. Dwar dan id-deheb il-missier stqarr, li kien wkoll bieghu lill-imputat. Dan il-missier hu Glenn Debattista

L-imputat energetikament cahad li huwa qatt xtara deheb mill-akkuzatur tieghu ossija l-imsemmi Glenn Debattista.

Fil-kuntest ta' dan il-Qorti tafferma illi mhux qeghdha issib ix-xhiedha ta' dan Debattista kredibbli. Fuq dan qeghdha taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

- li wiehed possibli isaqsi x'interess kellu dan Debattista li jimplika l-imputat, gja la darba kien instab hati u gie ikkundannat. Ghal dan il-Qorti m'ghandhiex risposta ghajr li tosserva li fil-konfront ta' dan Debattista hemm appell intavolat minnu li jidher ghadu pendenti.

- li pero' l-Qorti waslet ghad-decizjoni taghha li tqis dan ix-xhud mhux kredibbli fuq inkonsistenzi tieghu (ez meta stqarr li ibnu akkumpanjah ghand l-imputat – fatt kontradett mill-istess ibnu) u ezaminat l-fedina penali tieghu, xejn edifikanti, anzi!!

Intant, ma' din ix-xhieda l-prosekuzzjoni ipproduciet xhieda ohra, hekk imsejha cirkostanzjali, biex tipprova l-kaz taghha. Dina x-xhieda tikkonsisti filli minn vettura gja numru ta' registrazzjoni JGY053, registrata fuq certu Vincent Zahra pero' misjuqa minn ibnu Matthew Zahra, li miet mewtha tragika, gie elevat 'DVR' minn gewwa l-bagoll taghha, li rrisulta li kien zmien qabel installat fl-istabiliment tal-imputat gewwa l-imsemmi stabiliment kummercjali tieghu gewwa Triq Psaila.

Dwar dan id-DVR li jirregistra permezz ta' CCTV cameras l-attivita' li ssehh fl-istabiliment 'de quo' tal-imputat ma johrog xejn li b'xi mod huwa inkriminanti ghall-imputat, ghajr li kien jintefa ta' spiss u kull darba li jsir hekk, kien jirreverti ghad-data tal-manifattura tieghu li l-espert nominat sejhilha bhal "factory date". Dwaru, hemm ukoll spiega ta' certa Amanda Azzopardi, gja fl-impieg tal-imputat li stqarret li kienet titfih, ovvjament biex ma jirregistrax, kull darba li kellha bzonn tbiddel minhabba xi attivita' konnessa man-negozju tal-imputat. A propositu ta' dina x-xhud kif ukoll tax-xhud, certa Josienne Ciantar Bonnett, ukoll fl-impieg tal- imputat, xehdu li lill-persuna li taghha gie muri ritratt, cjoe' ta' Debattista, huma fl~ ebda hin u mument, ma rawh fil-hanut jew qatt kienu involuti f'xi bejgh minnu ta' deheb.

Gie wkoll prodott biex jixhed, rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta, fir-rigward qtugh tal-provista ta' dawl fi Triq Psaila, B'Kara, fis-sena 2011. Mix-xhieda tieghu pero' ma johrogx xejn ta' sustanza ghajr li x-xhud ikkonferma li f'dik is-sena partikolari kien hemm istanzi fejn l-provvista tad-dawl f'dik it-triq partikolari kien jehtieg jigi sospiz,

Ikkonsidrat:

Ghal dak li ghandu x'jaqsam max-xhieda cirkostanzjali huwa ben assodat li trid tkun univoka. Din l-univocita' assolutament, fil-fehma tal-Qorti, ma tissusistix.

Ghandu jinghad ukol lli ghand l-imputat mid-deheb misruq ma nstab xejn u dan ikompli iddghajjef it-tezi tal-prosekuzzjoni dwar ir-rwol ta' ricettattur tal-imputat.

Il-Qorti ser tieqaf hawn.

Tiddikjara l-imputat mhux hati u tilliberah mill-ewwel akkuza u kwindi wkoll mit-tieni li tipotizza r-recidiva. Tordna t-thassir ta' kull ordni maghmul u vigenti taht l-Artikolu 23A tal-Kap 9. Tordna permezz tar-Rigistratur ta' dawn il-Qrati l-kancellament tieghu mir-Registru Pubbliku u r-relattiva publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u dan appena din is-sentenza issir 'res gudikata'.

A.M. Trigona.

Magistrat.